**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 13 ta' April, 2016

Rikors Nru : 22/16 AL

**AB**

**-vs-**

**Dr Yana Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Melissa Anastasi bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi il-partijiet izzewgu fl-10 ta' Ottubru 2006 u minn dan iz-zwieg twieled tifel (dokument anness);
2. Illi l-partijiet ilhom separati de facto sa minn Marzu 2010;
3. Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi il-partijiet ilhom effettivament jghixu hajja separata ghall-iktar minn hames snin u llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin tant li l-esponent lanqas

biss jaf fejn hija tinsab ghalkemm jissuspetta li qeghda x'imkien il-Gappun;

4. Illi CB qatt m'ghamlet talba ghal manteniment u ma hemm l-ebda kuntratt jew ordni ta' Qorti sabiex l-esponent jaghti xi manteniment. Fil-prezent l-esponent lanqas biss jaf fejn jinsabu CB u ibnu u dan minkejja kull tentattiv li huwa ghamel u ghadu jaghmel sabiex jipprova jirnexxilu jsir jaf fejn jinsab ibnu;
5. Illi il-koppja bdew proceduri ta' divorzju gewwa l-Gappun, liema proceduri gew fi tmiemhom nhar is-27 ta' Dicembru 2012 (Dokument anness). Liema divorzju ma japplikax gewwa l-Gzejjer Maltin;
6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Illi permezz ta' digriet moghti mill-Qorti nhar il-21 ta' Dicembru 2015, l-esponent gie awtorizzat sabiex jipprocedi bil-kawza;

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan tal-ahhar jirregistra l-istess certifikat taz-zwieg tal-partijiet;

U dana taht kull provvediment iehor li l-istess jidhirilha li hu xieraq u opportun;

Rat in-nota tal-kuraturi deputati, kif ukoll ir-risposta taghhom, li permezz taghha jiddikjaraw illi m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw d-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti;

Salv risposta ulterjuri;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Frar, 2016;

Rat illi effettivament ir-rikorrenti ghadda l-ahhar indirizz maghruf tal-intimata lill-kuraturi deputati;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom de facto separati minn Marzu 2010 u illi ottjenew divorzju mill-Gappun fis-27 ta' Dicembru 2012;

Illi r-rikorrenti ipprova illi l-intimata hija assenti minn Malta u lanqas biss jaf fejn tinsab ghalkemm jissuspetta li qeghda x'imkien il-Gappun;

Illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.